MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2013

Avviz Numru. 283/2012

**P.J. Sutters (Marketing) Limited**
**(C 35984)**

**vs**

**Ian Chircop Beck**
**(ID 64586M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar it-13 ta’ Awissu 2012 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasaha s-somma ta’ sitt t’elef, mija u tlieta u erbghin euro, u erbgha u sittin centezmu (€6,143.64) rapprezentanti l-bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija lilek mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez tal-prezenti u tal-Mandat ta' Sekwestru ipprezentat kontestwalment u bl-imghax skond il-Ligi mill-21 ta' Gunju 2012 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza gie notifikat lill-konvenut fl-10 ta' Jannar 2013 u dan skond ir-riferti pozittivi tal-Purtier Carmel Farrugia datata l-14 ta' Jannar 2013 (fol 10 tergo).

Illi fis-seduta tat-18 ta' Jannar, 2013 is-socjeta' attrici pprezentat nota ta' riduzzjoni tat-talba ghal erba' t'elef, mitejn u ghoxrin euro u hamsin centezmu (€4,220.50) kif ukoll ipprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut.

Rat illi fis-seduta ta' l-1 ta' Frar 2013 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba ta' l-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' t'elef, mitejn u ghoxrin euro u hamsin centezmu (€4,220.50), kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------